

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Diċembru 2009 —
Giordano Enterprises vs UASI — Dias Magalhães &
Filhos (GIORDANO)**

(Kawża T-483/08) ⁽¹⁾

(“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali GIORDANO — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti GIORDANO — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Rifjut parzjali ta’ reġistrazzjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)”)

(2010/C 37/48)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Giordano Enterprises Ltd (F.T. Labuan, il-Malasja)
(rappreżentant: M. Nentwig, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: José Dias Magalhães & Filhos L^{da} (Arrifana Vfr, il-Portugall) (rappreżentant: J. M. João, avukat)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-28 ta' Lulju 2008 (Każ R 1864/2007-2) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn José Dias Dias Magalhães & Filhos L^{da} u Giordano Enterprises Ltd.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) Giordano Enterprises Ltd hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk sostnuti mill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni).

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-15 ta' Diċembru 2009
— Inet Hellas vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-107/06) ⁽¹⁾

(“Rikors għal annullament — Implimentazzjoni tad-dominju tal-ogħla livell “.eu” — Reġistrazzjoni tad-dominju “.co” bħala dominju tat-tieni livell — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà”)

(2010/C 37/49)

Lingwa tal-kawża: Il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Inet Hellas Ilektroniki Ipiresia Pliroforion EPE (Inet Hellas) (Ateni, Il-Greċja) (rappreżentant: V. Chatzopoulos, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Zavvos u E. Montaguti, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li allegatament tinsab fl-ittra tal-Kummissjoni tal-31 ta' Jannar 2006, dwar iċ-ċaħda mill-entità responsabbli għall-organizzazzjoni, għall-amministrazzjoni u għall-ġestjoni tad-dominju tal-ogħla livell “.eu” tat-talba tar-rikorrenti intiża għar-reġistrazzjoni tad-dominju “.co” bħala dominju tat-tieni livell.

Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.

(2) Inet Hellas Ilektroniki Ipiresia Pliroforion EPE (Inet Hellas) hija kkundannata għall-ispejjeż tagħha u dawk tal-Kummissjoni Ewropea.

⁽¹⁾ ĠU C 19, 24.1.2009.

⁽¹⁾ ĠU C 190. 12.8.2006.